

L-Erbgħa, 25 ta' Ottubru 2006

P6_TA(2006)0442

Programm ta' azzjoni integrat fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja *II**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja (6237/3/2006 — C6-0274/2006 — 2004/0153(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (6237/3/2006 — C6-0274/2006),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari⁽¹⁾ dwar il-proposta mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(COM(2004)0474)⁽²⁾),
- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni emendata (COM(2006)0236)⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0344/2006),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni;
2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni komuni;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skond l-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE;
4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju-Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni ta' l-att fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ Testi adottati, 25.10.2005, P6_TA(2005)0395.

⁽²⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

⁽³⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

P6_TA(2006)0443

Programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" (2007-2013) *II**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-inkoraġġiment ta' ċittadinanza Ewropea attiva (9575/1/2006 — C6-0316/2006 — 2005/0041(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (9575/1/2006 — C6-0316/2006),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari⁽¹⁾ dwar il-proposta mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2005)0116)⁽²⁾,

⁽¹⁾ Testi Adottati, 5.4.2006, P6_TA(2006)0127.

⁽²⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.